# Lill-Għasfur Tiegħi

minn Rachel Debattista

Niddejjaq inħallik ja kanarin,
imma tifhimni li jkun sarli l-ħin.

Inqajmek ma' sbieħ il-jum,
qabel jien niġri għax-xogħol immur.

Kulurek isfar xebh il-lellux,
ġwenħajk pjumati, kemm ipaxxuk!

Gaġġa kabbartlek biex tgħix aħjar,
ittir u tpespes, kemm timla d-dar!

Ġibtlek is-sieħba biex tkun kuntent,
kanala bħalek żvelta mmens.

Magħha drajt taqsam l-ikel kuljum,
kultant titlewmu u bir-raġun.

Għax sew bħal kull mara oħra,
tagħha trid tgħaddi, għax b'rasek idur.

Kemm niggustakom tillatikaw,
xħin l-iskalora nimlilkom tinnutaw.

Ikolli ġenn biex id-dar immur,
għandi għasfur jistennieni fil-kuritur.

Issa mhux waħda jistennew tnejn,
ta' kumpanija saħansitra anke mal-lejl.